MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS

Seduta tas-26 ta' Frar, 2010

Appell Civili Numru. 26/2009

**Sigurdur Gunnarson**

**vs**

**Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta**

**Il-Qorti,**

Il-Bord ta' l-Appell dwar it-Trasport ippronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

> **"**Il-Bord,
>
> Ra l-appell u d-dokumenti esibiti
>
> Ikkonsidera
>
> Illi l-fatt li l-appellant ottjena permess ta' residenza ma jfissirx awtomatikament li r-residenza abitwali tieghu giet trasferita ghal Malta.

> L-appellant kellu jissodisfa d-dettal tal-A.L. 196/09. Dana naqas li jaghmlu.
>
> Ghaldaqstant l-appell qed jigi michud."

Ir-rikorrenti appella minn din is-sentenza biex jissottometti b'ilment illi l-Bord applika l-ligi b'mod erroneju. Senjatament, skond il-fehma ta' l-appellanti, dan ghaliex fl-ipotesi prevvista mill-Avviz Legali 196/09 intitolat "Regoli dwar Ezenzjoni mit-Taxxa tar-Registrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur" taht l-Att relattiv (Kapitolu 368), ma kienx mehtieg, ghal skop ta' kwalifika mill-ezenzjoni fuq il-vettura minnu importata f'Malta, illi hu jkun fizikament fil-pajjiz;

Kontra din l-obbjezzjoni l-Awtorita` appellata tissolleva b'opposizzjoni preliminari l-irritwalita` ta' l-appell. Dan ghal motiv illi l-appell ma jmissx il-"punt ta' ligi" ghal-liema jirreferi l-Artikolu 31 (14) ta' l-Att dwar l-Awtorita` Dwar it-Trasport Pubbliku (Kapitolu 332), izda sempliciment censura ta' l-apprezzament tal-fatti;

Qabel ma tghaddi biex tinvesti din il-pregudizzjali din il-Qorti tonqos jekk ma tirrimarkax illi s-sentenza appellata tiddifetta f'bosta aspetti formali taghha, sija ghal mankanza tad-data taghha, in-nuqqas ta' sottoskrizzjoni taghha mic-Chairperson tal-Bord (Dr. Joseph P. Bonnici), u l-izball materjali evidenti fl-isem tar-rikorrenti ("Gunnaction Sigurdur" minflok "Sigurdur Gunnarson"). Apparti dawn l-irregolaritajiet, dan biex ma jinghadx ukoll illi l-istess sentenza hi serjament deficjenti fl-esposizzjoni tal-motivi taghha, kemm ta' fatt kif ukoll ta' dritt. Hi stilata xott xott u "*short cut*", kif ukoll nieqsa minn dik l-obbjettivita` tal-kriterju logiku li wassal lic-Chairperson ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Tali ma jaspirax ghal dik l-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja li hi mistennija minn kull tribunal, sew gudizzjarju, sew kwazi-gudizzjarju. Taht dan il-profil tal-vizzji riskontrati l-Qorti tistqarr li tigiha t-tentazzjoni li tannulla s-sentenza

appellata u tirrimanda l-atti lura. Mhix ser taghmel dan fl-interess tal-partijiet infushom ghall-evitar ta' telf ta' hin u sprekar ta' energija bla bzonn u hela ta' spejjez inutili;

Maghluq dan il-kapitlu, bi twegiba ghall-pregudizzjali mqanqla mill-Awtorita` appellata jibda biex jigi osservat illi fit-termini ta' l-Artikolu 31 (14) tal-Kapitolu 332 id-dritt ta' appell ma huwiex wiehed limitat biss ghall-"*points of law*" izda wkoll ghall-"*equity*" u ghall-*"breaches of principles of natural justice*". Mhux dan biss ghaliex tezisti wkoll il-kwalifika "*decided by the Appeals Board*". Issa fir-rigward il-Bord illimita ruhu ghall-osservazzjoni generika illi "l-appellant kellu jissodisfa d-dettal ta' l-A.L. 196/09 u dan naqas li jaghmlu". Xejn izjed minn hekk. L-ebda spjegazzjoni tad-dritt li turi kif, skond hu, kellu jkun interpretat dak l-Avviz Legali, jew ahjar ir-regolamenti specifici tieghu ghall-fatti li kellu quddiemu. Huwa veru illi l-konnotazzjoni tar-"residenza" ghall-fini ta' dak l-Avviz hi wahda ta' ricerka ta' *res facti* li tiddependi mill-evalwazzjoni tal-provi. B'danakollu l-Qorti mhix lesta tikkuntenta ruhha b'dak l-espedjent generiku pronunzjat mill-Bord. Dan ghaliex il-vera kwestjoni f'dan il-kaz kellha qabel kollox, u ghall-ahjar soluzzjoni tal-vertenza, tissuggerixxi x'sinjifikat ried jinghata lill-espressjonijiet "<u>trasferiment ta' residenza</u>" u "<u>residenza abitwali</u>" fil-kuntest partikulari u specjali tal-ligi kif jinzel mit-tifsiriet taghhom fir-Regolamenti. Huwa proprju dan li l-appellanti javvanza bl-agravju tieghu, u dan, ghal din il-Qorti, hi certament kwestjoni legali li timmerita li tigi approfondita. *Pro tanto*, l-appell hu ammissibbli u l-pregudizzjali eskluza;

Fil-parti rilevanti taghhom d-definizzjonijiet li jinzlu mir-Regolamenti ta' l-espressjonijiet fuq riportati huma dawn:-

"<u>trasferiment ta' residenza</u>" tinkorpora "it-trasferiment attwali tar-"residenza abitwali" ta' persuna ghall-post il-gdid li jkun jidher li jkun dak li fih tkun allokat mill-gdid. Il-fatt li persuna tkun giet f'Malta biex twettaq

xoghol specifiku ta' tul definit m'ghandux jinftiehem li dik il-persuna tkun trasferiet ir-residenza taghha f'Malta";

"residenza abitwali" hi skond it-tifsira "il-post fejn il-persuna koncernata tkun stabbiliet, u jkollha l-hsieb li zzomm, ic-centru permanenti jew abitwali ta' l-interessi taghha. Il-kiri ta' appartament ghal perijodu ta' anqas minn sena ma jkunx jaghti prova sufficjenti tat-trasferiment tar-residenza abitwali";

Flimkien ikkontemplati, l-interpretazzjoni korretta li tinzel minn dawn iz-zewg definizzjonijiet hi, fil-hsieb tal-Qorti, is-segwenti:-

(1) Fl-ewwel lok, ir-residenza hi karatterizzata minn element oggettiv, ossija l-permanenza tal-persuna fil-lok, u b'certa stabbilita` jew abitwalita`. Tali hu rikavat mill-elementi materjali tal-provi u dawk l-indikaturi estrinseci l-ohra li jistghu jkunu pertinenti;

(2) *Inter alia,* trattandosi ta' trasferiment ta' residenza, huwa indikatur importanti l-*animus* tal-persuna. Dan l-element intenzjonali hu sew markat fit-tifsira ta' "residenza abitwali" bl-uzu tal-kliem "jkollha l-hsieb li zzomm" u, tali allura, jassumi rilevanza partikolari flimkien ma' l-elementi l-ohra oggettivi. Dan fis-sens li minn dik il-volonta` wiehed kapaci jissotraji wkoll dak l-indikatur li l-persuna trid tikkostitwixxi r-residenza taghha fil-lok partikolari. F'dan il-kaz f'Malta;

(3) Issa huwa veru illi l-abitwalita` tissinjifika, skond it-tifsira moghtija mil-ligi ghall-iskop ta' l-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni, stabilita` ta' permanenza f'Malta imma dan ma jfisserx li hu hekk necessarju u tassattiv illi r-relazzjoni tal-persuna mal-lok ghandha tkun bilfors perpetwa u kontinwa. Hu anzi rikonoxxut illi eventwali assenzi jew allontanament, ukoll jekk frekwenti, mil-lok ma huwiex inkompatibbli mal-persistenza tar-residenza fil-lok li fih il-persuna solitament tirritorna. Kif kaptat minn diversi decizjonijiet tal-**Qorti ta' Kassazzjoni Taljana** in mertu ghall-artikolu 43 tal-Kodici Civili Taljan, trattasi wkoll minn "residenza abitwali", "*questa stabile*

*permanenza sussiste anche quando la persona si rechi a lavorare o a svolgere altra attività fuori dal comune di residenza, sempre che conservi in esso l'abitazione, vi ritorni quando possibile e vi mantenga il centro delle proprie relazioni familiari e sociali*" (**14 ta' Marzu, 1986, Numru 1378 u 6 ta' Lulju, 1983, Numru 4525**). Ara wkoll ghal certa enuncjazzjoni konsimili s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tat-8 ta' Frar, 1971 fl-ismijiet "**Saviour Coppini *nomine* -vs- Joseph Vella Bonnici bhala Direttur tas-Servizzi Socjali**", anke jekk hemm kienet qed tigi trattata d-definizzjoni ta' "residenza ordinarja";

(4) Il-bazi legali li tinzel minn dak li nghad skond id-definizzjonijiet fuq riprodotti hi ultimament dik li d-durata fil-lok mhix kriterju esklussiv. Similment, lanqas ma huwa determinanti t-trasferiment fil-lok ghal skop ta' xoghol specifiku u ta' tul definit jew il-kiri ta' fond ghall-perijodu inferjuri ghal zmien ta' sena. Pjuttost, anzi, dawn il-kriterji huma eskluzi. Takkwista validita` prevalenti pero` ghal fini ta' residenza abitwali l-lok f'liema l-persuna tikkoncentra l-hajja u l-interessi privati taghha;

(5) Premess dan kollu, kif sewwa kawtelat fil-precitata sentenza tal-Qorti ta' l-Appell "in definittiva ebda kriterju wiehed ma hu *a priori* konklussiv u f'kull kaz iridu jitqiesu c-cirkostanzi kollha". Ir-raguni l-ghala dan ghandu jkun hekk m'hemmx ghalfejn tigi mfittxija fil-fond. Kull kwestjoni trid tigi rizoluta minn kaz ghal kaz skond il-fattispeci pekuljari u dawk tac-cirkostanzi partikolari ghall-kaz konkret;

Issa fil-kaz prezenti l-Qorti mhix tant impressjonata fl-otteniment mill-appellanti tac-Certifikat ta' residenza permanenti rilaxxjat mill-Inland Revenue taht ir-"Residence Scheme Regulations (L.N. 428 of 2004)", anke ghaliex, kif tajjeb sottomess mill-Awtorita` appellata, ghall-finijiet fiskali t-terminu "residenza" ghandha konnotati u tifsira diversa minn dak tal-ligi *de qua* taht il-Kapitolu 368. Ara l-ligi rilevanti taht l-Income Tax (Kapitolu 123) u s-sentenzi tal-Qorti ta' l-Appell minn decizjonijiet tal-Bord ta' Kummissarji Specjali datati **30 ta' Gunju 1969 (Kaz**

**Nru. 68)** u **2 ta' Gunju, 2003** ("**Marcus P. De. Longe -vs- KTI**"). Similment, fil-kaz tat-terminu "residenza" taht il-ligi specjali tal-kera (Kapitolu 69). Hekk kien inghad minn din il-Qorti kif presjeduta illi "l-indikaturi li jaghmlu certi dokumenti u atti jistghu jassumu rilevanza fuq il-pjan probatorju imma mhux necessarjament u bilfors jiddeterminaw ir-"residenza" f'sens guridiku. Dan anke ghaliex dawk id-dokumenti joffru mera presunzjoni ghaf-favur tad-dikjarant li tista' tigi superata b'kull element ta' konvinciment idoneju li jiddemostra illi r-residenza ma hijiex dik stabbilita f'dawk id-dokumenti imma tinsab f'lok iehor. Naturalment, il-provi mehtiega biex jissuperaw il-presunzjoni jridu jkunu gravi, precizi u konkordanti". (Ara "**Rita Portelli -vs- Kenneth Aquilina**", Appell Inferjuri, 21 ta' Frar, 2007);

Minn naha l-ohra l-Qorti mhix lanqas impressjonata mill-fatt ta' l-allontament ta' l-appellanti minn Malta ghal skop ta' xoghol fl-esteru. Biex ikun xort'ohra ried jirrizulta pprovat illi huwa, f'dak il-lok l-iehor fejn jahdem, iffissa b'mod abitwali u b'mod prevalenti r-residenza tieghu. Dan f'dan il-kaz ma jirrizultax hekk, jew almenu l-provi ma jwasslux biex ikun inekwivokabilment determinat li kien hemm interruzzjoni tan-ness ta' stabbilita` tieghu ma' pajjizna;

Meta tali hi l-qaghda, bl-akkoppjament ukoll tal-prova dokumentali tal-kiri tal-fond gewwa n-Naxxar ghal sena (ara skrittura tat-28 ta' Ottubru, 2008) kif, posterjorment ghas-sentenza tal-Bord, rinnovat, ghalkemm f'fond iehor fin-Naxxar (ara skrittura tat-12 ta' Novembru, 2009), u wkoll tal-prova illi martu baqghet tirrisjedi Malta u ibnu jattendi skola lokali (San Andrea School), ma jistax ragonevolment u ekwament jinghad illi l-presunzjoni legali kif tinzel mid-definizzjoni tal-ligi kienet meghluba minn elementi ta' konvinciment idoneju li jiddemostra illi r-residenza abitwali ta' l-appellanti tinsab x'imkien iehor, u mhux f'Malta. Dan qed jigi rilevat anke ghaliex, jekk hemm bzonn jerga' jigi sottolinejat b'ripetizzjoni, mill-apprezzament tal-provi fil-kumpless taghhom l-intenzjoni ta' l-appellanti ma setghetx hlief tkun dik produttiva ta' l-

effetti guridici tar-residenza fit-termini tal-Kapitolu 368 u tar-Regolamenti naxxenti minnu bl-Avviz Legali 196/09.

Ghall-motivi kollha suesposti din il-Qorti qed tilqa' l-appell, thassar ghal kollox is-sentenza appellata u tiddikjara illi l-appellanti ssodisfa r-rekwiziti tal-ligi ghall-ezenzjoni mit-taxxa tal-vettura tieghu migjuba f'Malta.  Kif mitlub il-Qorti tordna wkoll illi l-Awtorita` appellata tirregistra skond il-ligi dik l-istess vettura f'isem l-appellanti.  L-ispejjez ta' din il-procedura jitbatew mill-Awtorita` appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------